MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 295/2012

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera adidas AG**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Joeline Pace Ciscaldi gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Algeria Gulf Bank u lis-socjeta' Yiwu Ju Xian Import & Export Co., Ltd, b'digriet tas-27 ta' April 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-21 ta' Marzu 2012 li jghid hekk:

1. Illi l-ewwel socjeta adidas AG, ta' Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Hezogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta'

diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device" liema markju huwa wzat mis-socjeta rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A" u d-Dokument "B";

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta industrijali tal-istess markju distintiv "three stripes device" fil-komplessita tieghu irregistrat fir-Registru tal-Marjki f'Malta taht *Trademark No. 10994* (kif muri f'Dok. "A"), liema markju "three stripes device" huwa wkoll irregistrat bhala Trademark Komunitarja mal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 003517646 (kif muri f'Dok. "B") kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dan l-imsemmi disinn jew xoghol artistiku "three stripes device", u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap.414 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi jirrizulta illi fis-16 ta' Frar 2012 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "CMA CGM LEO", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji tas-socjeta rikorrenti fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'numru li ghadu mhux ikkonfermat ta' zraben sportivi (liema numru ghandu jigi kkonfermat mid-Dwana ta' Malta galadarba jkollhom zmien sabiex jittrasportaw u jghoddu l-konvtenut kollu taz-zraben sportivi u li ghaldaqstant dan l-ammont jigi pprecizat matul il-kawza), b'Container Numru TRLU6627802, u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru NBLG071114 (kopja hawn anness u mmarkata bhala Dok. "G") jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala "To the Order of Algeria Gulf Bank", mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma indikati bhala Yiwu Ju Xian Import & Export Co., Ltd;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, li favur taghha huwa rregistrat l-markju distintiv "three stripes device", li jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta estera adidas International Marketing B.V. f'isem is-socjeta rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "C");

7. Illi din il-konsenja ta' zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "D");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropeja u fil-kazistika tal-"European Court of Justice" illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 tal-2003 intitolat "Regoli ta' l-2003 dwar it-*Trademark* Kommunitarja" jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell'

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti f'numru ta' zraben sportivi li ser jigi ikkonfermat (kif spjegat aktar 'l fuq), b'Container Numru TRLU6627802, da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet s-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* irregistrat f'isem is-socjeta rikorrenti bin-Numru 10994 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' zraben sportivi b'Container Numru TRLU6627802, da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti in

kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet dwar Proprejta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademarks* Komunitarja Numru 003517646 registrat f'isem is-socjeta rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja);

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjetajiet intimati jew min minnhom, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kontront tas-socjeta rikorrenti;

6. Tordna lis-socjetjiet intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjetajiet intimati li minn issa huma ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. G;

Rat id-digriet tas-27 t' April 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-23 ta' Mejju 2012 fejn ecceppew:
1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta

u jekk jirrnexxilhom jikkomunikaw mas-socjetajiet minnhom rappresentati, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mas-socjeta intimati;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo ghat-18 ta' Lulju 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device", liema markju huwa uzat minn din is-socjeta fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti A u B, liema markju huwa registrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademark numru 10994 u dak Komunitarja bin-numru 003517646.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru TRLU6627802 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM LEO li kien diehel Malta fis-16 ta' Frar 2012 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markju distintiv tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f'sebat elef disgha mija u ghoxrin (7,920) b'Container Numru TRLU6627802 u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikou 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 14 ta' Marzu 2012 (Dok. AC1) maghmul minn T.G.J. Behean, Associate General Counsel tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius Dok. GA1 a fol. 110 li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' T.G.J. Behean li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius Dok. GA1 a fol. 110. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni cioe sebat elef disa mija u ghoxrin (7,920) pari zraben sportivi li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportive, f'Container Numru TRLU6627802 da parti tas-socjetajiet intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademark

irregistrat f'isem is-socjeta rikorrenti u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjetajiet intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjetajiet intimati jhallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit ta' George Agius Dok. GA1 a fol. 110 datat 29 ta' Mejju 2012;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------